**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 67/2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Abdirahman Abdala Hassan**

**Illum 22 ta 'Jannar 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta '**Abdirahman Abdala Hassan**, bin Abdala Hassan u Rahman, ta 'nazzjonalità Somala, imwieled nhar it-tnejn (2) ta 'Awwissu tas-sena elfejn u wieħed (2001), u detentur tal-Permess ta ' Residenza Malti bin-numru 9002852A, talli fit-18 ta 'Jannar 2024, għall-ħabta ta 'bejn is-sagħtejn ta 'filgħodu (2:00hrs) u l-erbgħa ta 'filgħodu (4:00hrs), ġewwa Triq Santa Rita, Paceville, San Giljan, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' mowbajl, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-ħin, liema serq sar għad-dannu ta' Heinz Justine De Guino u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261(ċ)(f), 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex, il-Qorti: (i) f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabilixxi l-liġi, tħaddem kontra Abdirahman Abdala Hassan id-diposizzjonijiet tal-Artikoli 15A, 28H u 532A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta 'Malta; u wkoll (ii) f'każ ta' ħtija, tikkundanna lil Abdirahman Abdala Hassan iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti jew Periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, markat Dok. "X" u rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A" sa' Dok. "D";

Rat li l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li l-Qorti, ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, wissietu bl-iktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien biex jirrikonsidraha u jerġa' lura minnha;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli fit-18 ta 'Jannar 2024, għall-ħabta ta 'bejn is-sagħtejn ta 'filgħodu (2:00hrs) u l-erbgħa ta 'filgħodu (4:00hrs), ġewwa Triq Santa Rita, Paceville, San Giljan, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, ikkommetta serq ta 'mowbajl, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37, u bil-ħin, liema serq sar għad-dannu ta 'Heinz Justine De Guino u/jew ta 'xi persuna/i u/jew ta 'xi entità u/jew entitajiet oħra.

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' tali imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Fid-dawl ta' tali ammissjoni, il-Qorti għandha ssib lill-imsemmi imputat ħati ta' l-imputazzjoni hekk dedotta kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li bih qed jiġi akkużat l-imputat u li ġie minnu ammess, iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri, li huwa kkoopera mal-Pulizija u tahom informazzjoni utili fil-kors ta' l-investigazzjonijiet tagħhom, u li għandu fedina penali netta. Apparte minn hekk ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat għandu problema ta' abbuż ta' droga.

Għaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 20, 261(ċ)(f), 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' sittax-il (16) xahar priġunerija, iżda peress illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ hemm raġunijiet li jagħtu lok għas-sospensjoni tal-piena karċerarja hawn imposta fuq l-imputat, senjatament il-fatt li l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri, li kkoopera mal-Pulizija u tahom informazzjoni utili fil-kors ta' l-investigazzjonijiet tagħhom, u li għandu fedina penali netta, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta,

tissospendi it-terminu ta' sittax-il (16) xahar priġunerija hawn impost fuq l-imputat għall-perijodu ta 'sentejn (2) b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Ai termini ta' l-Artikolu 28G tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Superviżjoni u dana għall-perijodu ta' sentejn (2) mill-llum u taħt il-kondizzjonijiet u termini imposti fid-Digriet ta' Ordni ta' Superviżjoni maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-Artikolu 28G(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u kopja ta' l-Ordni ta' Superviżjoni maħruġ illum stess jiġu notifikati lid-Direttur tal-Probation Services.

Ai termini ta' l-Artikolu 28G(9) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tavża lill-imputat li jekk tul il-perijodu li fih ikun fis-seħħ l-Ordni ta' Superviżjoni mogħti fil-konfront tiegħu llum, huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma xi ħtieġa ta' dan l-istess Ordni, f'każijiet serji u ripetuti s-sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu b'din is-sentenza u li fiha sar l-Ordni ta' Superviżjoni tibda sseħħ jew, mingħajr ħsara għall-kontinwazzjoni ta' l-Ordni ta' Superviżjoni, jeħel ammenda ta' mhux iżjed minn mitejn tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94).

Peress illi rriżulta li l-imputat għandu problema ta' abbuż ta' droga, il-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament għall-perijodu ta' sentejn (2) dekoribbli mid-data ta ' din is-sentenza, taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta 'Ordni ta ' Trattament mogħti illum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma' xi rekwiżit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin centeżmu (€1,164.69).

Peress illi in konnessjoni ma' dan il-każ ma ġew nominati l-ebda Esperti jew Periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Peress illi ma ġiex stabbilit il-valur tad-dannu soffert minn Heinz Justine De Guino b'konsegwenza tas-serq tal-mobile tiegħu u peress illi rriżulta li għad illi l-imputat ta informazzjoni lill-Pulizija dwar lil min huwa biegħ il-mobile in kwistjoni, dan il-persuna, u konsegwentement għalhekk anke l-mobile ma jistgħux jiġu rintraċċati, il-Qorti ma għandhiex triq oħra għajr li f'dan l-istadju tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikoli 15A, 28H u 532A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikoli 370(6) u 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza kif ukoll tad-Digriet ta' Ordni ta' Superviżjoni u tad-Digriet ta' Ordni ta' Trattament.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**